Novembru 2016
Nru. 213

# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

## Fr. Clive u Fr. Ramon Ordnati Djakni



Nhar il-Ġimgħa 28 ta Ottubru, Fr Clive Camilleri u Fr Ramon Farrugia flimkien ma tliet żgħażagħ oħra ġew Ordnati Djakni waqt Konċelebrazzjoni Solenni minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta.

Waqt l-omelija tiegħu huwa tkellem fuq l-importanza li d-djakni l-ġodda inħossu l-presenza ta' Ġesù u jduquh u dan minħabba n-nuqqas ta' ħegga tagħna. Huwa tkellem fuq il-karatteristiċi taż-żewg appostli li l-Knisja qed tiċċelebra: San Xmun u San Ġuda. Xmun ifisser Alla jisma' u allura aħna li nisimgħu l-kelma tal-Mulej u d-djakni rridu nkunu nies li jisimgħu u jaqraw il-Kelma t'Alla.

Xmun l-Imħeġġeġ jurina li rridu jkunu nies imħeġġa "naqbdu bin-nar". Xmun li jisma' u jemmmen. Allura d-djakni li jisimgħu u jixbħu lil Alla rridu ikunu djakni mħegga għal Alla u għal proxxmu. Dawn l-appostli kienu xhieda ta' Ġesù bil-ħajja tagħhom.

Ġuda Taddew, ifisser bniedem ta' tifħir. Huwa qal: "Fil-qadi tagħkom

*ikompli f'paġna 3*

## *Pellegrinaġġ Provinċjali fis-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena*

It-Tnejn 17 ta' Ottubru l-Provinċja Franġiskana organizzat Pellegrinaġġ għas-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena. Għaliħ kienu mistiedna l-għaqdiet, il-fratellanzi u n-nies li jiltaqgħu fil-Knejjes tagħna l-Franġiskani. It-Tema li ntużat kien il-kliem tal-Papa Franġisku: "Il-ħniena hi l-ewwel attribut ta' Alla. Hi l-isem ta' Alla. Ma

*ikompli f'paġna 3*



### Ikun imbierek Alla

Fil-ħajja tagħna jiġu mumenti meta ngħaddu minn esperjenzi intensi u qawwija li jkun diffiċli ħafna biex ma ngħidx impossibbli li tiddeskrivihom fi kliem! Esperjenzi li jqajmu ħafna emozzjonijiet u fl-istess ħin imissu l-irkejjen kollha tal-eżistenza tagħna. Esperjenzi li jolqtu dak kollu li jagħmilna dak li aħna – bnedmin: l-emozzjonali, il-psikoloġiku, il-fiżiku u saħansitra l-ispiritwali. L-Ordinazzjoni Djakonali ta' ħutna Fr. Ramon Farrugia OFM u Fr. Clive Camilleri OFM kienet waħda minn dawn l-esperjenzi li nibqa' nġorr tul ħajti kollha. Kienet esperjenza li qajmet fija sens ta' tifħir u ta' ringrazzjament lil Alla għal dan id-don hekk sabiħ li ta lill-Provinċja tagħna u lill-Knisja. Sens ta' kburija u ferħ indeskrivibbli. Sens ta' sodisfazzjoni u aspettattiva kbira għal dawn ħutna li ġew ikkonsagrati djakni fil-mixja tagħhom lejn is-Saċerdozju Ministerjali.

Kienet tassew festa kbira, ċelebrazzjoni fil-veru sens tal-kelma. San Ġwann mimli bin-nies, fuq quddiem il-ġenituri u l-familjari tal-Ordinandi. Għadd kbir ta' qraba u ħbieb oħra, għalina b'mod partikolari mill-knejjes tagħna tar-Rabat u ta' tas-Sliema. Preżenza sabiħa ta' aħwa mill-Provinċja tagħna. Imma ppermettuli nżid preżenza ta' numru sabiħ ta' abbatini mill-

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

knejjes tagħna li jawgura tajjeb għal ġejjieni. Hawnhekk irrid nrodd ħajr mill-qalb lit-*team* kollu tagħna tal-Vokazzjonijiet Franġiskani taħt it-tmexxija dedikata u għaqlija ta' ħuna P. Stephen Magro OFM. Importanti ħafna li dawn l-abbatini li jservu fil-knejjes tagħna matul is-sena kollha, jkunu preżenti u jieħdu sehem f'okkażjonijiet hekk qawwija u importanti kemm fuq livell Provinċjali kif ukoll fuq livell Djoċesan. Irrid insemmi wkoll il-preżenza ta' wħud minn dawk li magħna qegħdin jagħmlu mixja ta' dixxerniment vokazzjonali. Naf fiċ-ċert li min ma ġiex għax propju ma setgħax u konvint li jekk ma kienx magħna fil-ġisem, kien magħna fil-ħsieb, fl-ispirtu, fil-qalb, fit-talb.

Lil dawn ħutna Fr. Ramon OFM u Fr. Clive OFM nawgurawlhom ħidma fejjieda u kif qal tant tajjeb l-Eċċellenza tiegħu Mons. Arċisqof, fuq l-eżempju ta' l-Appostli San Xmun u San Ġuda. Bħalhom ikunu appostli u profeti tal-Kelma f'dinja li kulma jmur ma tridx taf b'Alla. Bħal San Xmun u San Ġuda jkollhom il-kwalitajiet ta'smigħ u ta'ubbidjenza, ta' kuraġġ u tifħir lil Alla. B'mod partikolari li jwettqu dak li l-istess Mons. Scicluna qal lil kull wieħed minnhom, waqt li kien f'riġlejħ bl-Evanġeljarju f'idu, "Emmen dak li taqra'. Għallem dek li temmen. Għix dak li tgħallem". Waqt li nkomplu nwieżnu b'kull mod lil dawn ħutna djakni ġodda, nkomplu nitolbu u naħdmu għalenija sabiex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar żgħażagħ li lesti li jwieġbu b'ġenerożità u fiduċja kbira f'Alla. Il-Mulej jagħtina s-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Definitorju Provinċjali - 17 ta' Ottubru

Id-Definitorju Provinċjali reġa' ltaqgħa wara x-xhur tas-Sajf nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016, fid-9.30am, ġewwa l-kunvent tagħna tar-Rabat. Għal din il-laqgħa kien skużat milli jkun preżenti P. Stephen Sciberras OFM li qiegħed jagħmel esperjenza ġewwa il-Parroċċa ta' Stratford fl-Ingilterra, immexxija minn fraternita' tal-Kustodja Ingliża.

Il-laqgħa bdiet bil-qari tal-minuti u wara l-Provinċjal ta' rendikont fil-qosor lil dawk preżenti kemm fuq iż-żewġ laqgħat li kellna f'Settembru ġewwa Porziuncola Retreat House, jiġifieri dik tad-Definitorju Ġenerali u tas-Segretarji tal-Missjoni u Evanġelizzazzjoni tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża, kif ukoll tal-laqgħa li attenda ġewwa Montreal il-Kanada tal-istess Konferenza u ż-żjara qasira li għamel ġewwa Toronto lil ħutna Fr. Jimmy Zammit OFM u Fr. Pierre Farrugia OFM. Ma dawn tal-aħħar ser jingħaqad fil-jiem li ġejjin ħuna Fr. Charles M. Grech OFM li ser ikun jgħix u jaħdem fil-Parroċċa ta' St. Jane Francis ġewwa Toronto, Parroċċa tal-*Immaculate Conception Province* ta' New York. Fl-istess waqt Fr. Charles Diacono OFM mill-Fraternità ta' tas-Sliema ser jingħaqad ma' Fr. Stephen Sciberras OFM ġewwa Stratford, l-Ingilterra.

Waqt il-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali ġew diskussi xi affarijiet oħra importanti, bħal fejn wasalna fuq il-proġetti tal-bini tal-Franciscan Retirement Friary għall-aħwa anzjani ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u il-kunventin tal-Mġarr Għawdex. Bħalissa ninsabu fil-fażi tal-permessi mill-Ordni u min-Nunzjatura li ma jidhirx li hemm diffikultajiet, u l-proċess tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Tkellimna wkoll dwar it-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu Provinċjali Intermedju li ser jiġi ċċelebrat ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2017 kif ukoll fuq il-proġett tant relevanti w utli għaż-żminijiet ta' 'llum ta' *Soup Kitchen*, proġett li jaf il-moħħ tiegħu lill-Vigarju Provinċjali P. Marcellino Micallef OFM.

Fl-aħħar nett dawk preżenti ġew infurmati wkoll b'xi ċaqlieq ta' aħwa minħabba eżiġenzi tas-servizz. Fr. Walter Vassallo OFM ser jibda' jifforma parti mill-fraternità tal-formazzjoni tar-Rabat biex tiġi faċilitata u mtejba l-ħidma vokazzjonali u formattiva. Fr. Joseph Magro OFM ingħaqad mal-Fraternità tal-Ħamrun, waqt li Fr. Alfred Sciberras OFM ser jingħaqad mal-Fraternità ta' Għawdex.

Lil dawn l-aħwa nesprimu r-radd il-ħajr tagħna għad-disponibilità tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet għal nofs in-har. Laqgħa oħra ser issir fit-23 ta' Novembru 2016 fid-9.30am ġewwa l-kunvent tar-Rabat.

### Novembru
## Appuntamenti

**12** ta' Novembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Sliema

**19** ta' Novembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Għawdex

**21** ta' Novembru, Quddiesa ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju, fl-10.00am

**23** ta' Novembru, Definitorju Provinċjali - Rabat

### Birthdays - Novembru

01. P. Stephen Sciberras
09. P. Martin Coleiro
14. P. Julian Sammut
17. P. Christopher Farrugia
18. P. Victor Camilleri

### Festi - Novembru

04. P. Charles Grech
11. P. Martin Coleiro
15. P. Albert Micallef
26. Fr. Leo Ciantar

## "Tkunux profeti li titkellmu minn żniedkom imma li twasslu l-Kelma ta' min bagħtkom"

minn paġna 1









lill-komunità, kunu nies ta' qalb kbira, kunu nies ta ġenerożità u itolbu lill-Mulej biex id-djakonat li se tirċievu ma tinsewh qatt. Tħallux il-presbiterat li se tirċievu minn hawn u ftit xhur oħra inessikom li intom ukoll djakni, li intom qaddejja, bħalma ktibtu fis-santi u fl-inviti, intom qaddejja bħal dak li ġie "mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra". Tridu tagħmlu dan b'qalb kbira".

Huwa kompla billi ħeġġeġ li "l-omeliji li tagħmlu għandhom ikunu kollokju li joħroġ mill-qalb u li jattira l-qalb ta' min jismagħkom. Tkunux biss il-mibgħutin, l-appostli, imma wkoll profeti. Tkunux profeti li titkellmu minn żniedkom imma li twasslu l-Kelma ta' min bagħtkom, il-Kelma tal-Mulej."

Il-Kelma trid tiġi kkonfermata bil-ħajja tagħna. Imma importanti li biex ma jaqtawx qalbhom iridu jibqgħu qrib Ġesù u permezz tal-ordinazzjoni jridu jikbru fil-qdusija.

Wara l omelija sar ir-rit tal-ordinazzjoni, fejn Mons. Arċisqof talab fuqhom u tagħhom il-mandat biex issa iwasslu l-kelma ta' Alla. Nawguraw lil Fr. Clive u Fr. Ramon Ad Multos Annos!

Il-Ministru Ġeneral ukoll bagħat messaġġ ta' Awguri:

*"Good morning from Yangon in Myanmar where I am participating in meetings and the celebration of the 10th anniversary of our presence here in Myanmar.*

*I wish to convey to Ramon and Clive, to their families, and to you and the Province all congratulations as these our two brothers are ordained to the order of deacon and service in the Church.*

*May God bless them as they seek to serve in a Franciscan manner the Church and the world.*

*Peace and blessings to you!*

*Michael"*

*Għal videos, ritratti u omelija sħiħa mur fuq www.ofm.org.mt*





## ...konvokazzjoni tal-Kapitlu

minn paġna 1

hemm l-ebda sitwazzjoni li ma nistgħux noħorġu minnha, m'aħniex ikkundannati biex negħrqu fir-ramel."

Il-programm beda fil-5.30pm b'mument ta' adorazzjoni fis-silenzju fil-Knisja ta' Sta. Marija ta' Ġesù, Rabat. Fis-6.15pm beda pellegrinaġġ lejn il-Katidral u 6.45pm ġiet ċċelebrata Quddiesa fil-Katidral tal-Mdina mmexxija mill-Ministru Provinċjal Fr. Richard S. Grech li huwa ħeġġeġ ħafna li ma ninħlewx fuq l-atti reliġjużi biss imma hemm bżonn li ngħaddu għal dak li huwa spiritwali. Huwa tkellem fit-tul fuq l-importanza li nagħmlu esperjenza ta' Ġesù fil-ħajja tagħna u għalhekk huwa qal li n-nies ma jridux jisimgħu jżjed fuq Ġesù tal-kotba imma fuq Ġesù tal-esperjenza tal-ħajja tagħna.

Wara l-quddiesa l-Provinċjal ikkonvoka l-Kapitlu Provinċjali Intermedju, billi ta' ittra ta' konvokazzjoni lil kull Patri, l-ittra tal-Ministru Ġeneral li ħareġ fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Franġisk, kif ukoll Ktieb tal-ħajja ta' San Franġisk li nstabet dan l-aħħar, ta' Fra Tumas min Celano, maqluba għall-Malti minn P. Noel Muscat OFM.

### Laqgħa tal-ESC ġewwa l-Kanada



Il-Ministru Provinċjal attenda għal-laqgħa tal-Konferenza Ingliża ġewwa l-Kanada li ssir kull sena. Huma ltaqgħu biex jiddiskutu temi ta' rilevanza skont ir-reġjun ta' kull wieħed minnhom. Huma tkellmu fuq il-konfigurazzjoni ta' xi provinċji bħal ma hi l-Kanada kif ukoll l-Istati Uniti. Kellhom ukoll diskussjoni fuq l-ekonomija mal-Ekonomu Ġenerali li f'din il-laqgħa partikolari, kull sena jagħmlu reviżjoni tal-infieq.

### Imħallef fit-Tribunal


CAROLUS J. SCICLUNA

Fil-11 t'Ottubru, P. Walter Vassallo OFM ġie msejjaħ mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, biex jieħu l-ġurament ta' fedeltà u riservatezza. Huwa ġie maħtur biex iservi bħala Imħallef fit-Tribunal tal-Ewwel Istanza. P. Walter għadu kif spiċċa b'suċċess kors tad-Drittu Kanoniku ġewwa l-Università Pontificja Antonianum ġewwa Ruma. Nawgurawlu f'din il-ħidma ġdida tiegħu.

### L-ewwel laqgħa dwar Carbon FP



Nhar l-10 ta' Ottubru saret l-ewwel laqgħa għall-membri li qed jikkordinaw il-Proġett "Carbon Footprint" li ġie imniedi ix-xahar l-ieħor permezz ta' Press Conference. Din l-laqgħa saret fid-Dar tal-Irtiri Porzjuncola ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u kienet kemm informattiva kif ukoll beda jsir il-pjan kif se jipproċedu. Fil-fatt kull fraternità għandha linji gwida biex tiġbor l-informazzjoni. Iktar tard isiru visti f'kull fraternità.

## Festa San Franġisk

Nhar it-Tlieta 4 ta' Ottubru, ġewwa l-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù l-Belt Valletta, ġiet iċċelebrata l-festa ta' Missierna San Franġisk. Il-Quddiesa kienet immexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM fil-presenza ta' bosta Patrijiet, Sorijiet, Kavallieri tal-Qabar ta' Kristu, benefatturi, kif ukoll nies li jiffrekwentaw il-Knejjes tagħna.



Waqt l-Omelija tiegħu huwa tkellem fuq l-importanza tal-fidi u li inkunu rilevanti fid-dinja tallum imma speċjalment rilevanti fil-Knisja. Irru inkun nies kattoliċi li nagħmlu differenza kull fejn inkunu. Hu spjega dan billi qal li illum San Franġisk kien minn din il-kategorija għax dak li kien kapaċi jagħmel differenza u li għadu influenti sallum

Wara l-quddiesa kulħadd kien mistieden għal riċeviment fil-Kunvent.

## Festa San Franġisk: Festa Tfal

Hekk kif l-Knejjes u l-fraternitajiet Franġiskani kienu qed jiċċelebraw il-Festa ta' San Franġisk, din is-sena ħsibna ukoll biex ngħatu xejra differenti għat-tfal. U għalhekk li għal din l-okkażżjoni ġiet iċċelebrata festa speċjali għall-grupp imdaqqas ta' tfal li jifrekwentaw il-knejjes tagħna, b'nofs ta' nhar mimli divertiment.

Din il-festa tfal saret is-Sibt 8 ta' Ottubru fiċ-Ċentru San Franġisk il-Ħamrun. Din inkludiet kant, logħob organizzat permezz tal-karattri ta' 'Frozen': Elsa u Anna, kif ukoll Peter Pan, żfin, *face painting*, *Ballon Modeling*, *Bouncy Castle*, ikel u ħafna divertiment u logħob ieħor.



**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*